MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 178/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Maurice Curmi)
Vs
Pierre Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis- 27 ta' Frar 2007, u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' nutar, fil-konfront ta' Emanuel Mamo, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) ghamel uzu hazin, jew seraq flejjes tal- Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

2) taht l-istess cirkustanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-

dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;
3) Taht l-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn Lm1000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Emanuel Mamo u / jew il-Gvern ta' Malta;
4) Taht l-istess cirkustanzi, kkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 127, 138, 141, 293, 294, 310 u 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata w tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex l-appellant ma jigix privat mill-beneficcju tad-doppju ezami jew alternattivament, l-appellant gie misjub hati biss tat-tielet akkuza, tirriforma l-imsemmija sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel u t-tieni akkuza w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet akkuza bl-addebitu aggravanti msemmi fl-artikolu 141 u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena jew alternattivament, f'kaz li s-sentenza appellata tigi nterpretata fis-sens li l-appellant gie misjub hati tar-reati kollha migjuba kontrih, tirrevokaha fl-intier taghha w tilliberah minn kull htija w piena jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant jeccepixxi n-nullita’ tas-sentenza appellata minhabba nuqqas ta’ osservanza ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;
Illi ai termini ta’ tali artikolu, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, il-Qorti ghandha *inter alia* ssemmi l-artikolu tal-ligi li jkun jikkontempla r-reat (li tieghu tkun qed issib il-htija). Dan id-difett igib, bhala konsegwenza, n-nullita’ tas-sentenza tal-Ewwel Qorti;
Illi l-appellant jilmenta mis-sejbien tal-htija. Jidher minn qari tal-paragrafi 5 u 6 tas-sentenza, li l-Ewwel Qorti llimitat is-sejbien tal-htija biss ghar-reat ikkontemplat taht l-artikolu 293 (indikat bin-numru (3) fit-tieni pagna tas-sentenza appellata), bl-aggravanti rizultanti mill-artikoli 294 u 18 u possibilment ukoll bl-aggravanti taht l-artikolu 141 ilkoll tal-Kodici Kriminali;
Illi ghalhekk f’dan l-istadu u dejjem minghajr pregudizzju, l-appellant sejjer jindirizza r-reat ikkontemplat taht l-artikolu 293 (bl-addebiti taht l-artikoli 18 u 294 u possibilment taht l-artikolu 141) bil-fehma umli izda soda tieghu illi s-sejbien tal-htija taht l-artikolu 293 (bl-addebiti tal-artikoli 18 u 294 u possibilment taht l-artikolu 141) tal-Kap. 9 hija wahda *unsafe and unsatisfactory.*

Semghet id-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :

Brevement il-fatti kienu s-segwenti :-
Fis-sena 2000 bdiet relazzjoni professjonali bejn l-appellant n-Nutar Pierre Falzon u Emanuel Mamo u John Mary Ciappara tas-socjeta’ SGMJ Limited. Din ir-relazzjoni kienet tikkoncerna proprjeta’ f’Hal-Lija, fejn Mamo u Ciappara kienu qed ittellghu xi garaxxijiet u proprjetajiet ohra u inkarigaw lin-Nutar Falzon sabiex jiehu hsieb id-dokumenti u l-aspetti finanzjarji tan-negozju, dan

ghaliex li Emanuel Mamo kien dahal f'diversi "commitments" mal-bank dwar self u "overdrafts". Inkariga lin-Nutar sabiex waqt illi jsiru l-kuntratti u l-pagamenti n-Nutar jaghmel depoziti fil-bank sabiex jinqatghu d-djun illi kellu Mamo mal-istess bank. F'medda ta' snin saru numru konsiderevoli ta' kuntratti mill-appellant, ingabru ammonti sostanzjali ta' flus u saru wkoll numru ta' depoziti fil-kontijiet ta' Emanuel Mamo.

In-Nutar pero', kif hija prassi normali fil-professjoni legali, gieli ddepozita xi flejjes fil-"client's account" tieghu u wara li saru l-accertamenti mehtiega jew hareg cekkijiet u ddepozithom fil-kontijiet ta' Emanuel Mamo jew ta istruzzjonijiet lill-istess bank biex taghmel it-trasferimenti mehtiega mill-"client's account" tieghu ghall-kontijiet ta' Emanuel Mamo.

F'Mejju tat-2003 Tony Borg, ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta, l-Bank Kreditur, (fol. 107) dahal fil-kwistjoni l-ewwel darba meta l-bank irrealizza illi Emanuel Mamo kien tella' dejn sostanzjali w Borg beda jaghmel pressjoni fuq Mamo sabiex ibiegh mill-proprjeta' illi kien ghad fadallu. Saret investigazzjoni tal-kontijiet u bdew jigu skoperti certi inezattezzi u diskrepanzi u anki wara li saret ricerka dwar in-numru sostanzjali ta' depoziti li kienu saru fis-snin ta' qabel. Kien hawnhekk li Emanuel Mamo staqsa lill-appellant sabiex jintervjeni.

Fl-istqarrija tieghu (fol. 40) l-appellant jghid illi ghamel ir-ricerka fil-"client's account" tieghu u sab li kien hemm "surplus" ta' fondi. Assuma illi kienu ta' Mamo u kompla vverifika w wara certa accertamenti ta istruzzjonijiet ghall-trasferiment fuq il-kont ta' Mamo. Ghamel trasferimenti fuq zewg okkazjonijiet *"...... ghax ma kontx ghadni cert illi kienu "surplus" vera."*

Skond is-"summary history" esebit mill-bank (fol. 108-110) jidhru li saru depoziti regolari. L-ahhar wiehed ta' tlett elef lira (LM3000) fil-15 ta' Dicembru 2006. Xahar wara w cioe' fis-16 ta' Jannar 2007 Tony Borg jircievi email minn ghand l-Ispettur Joe Cordina w staqsih "in regards to money forwarded to Notary Pierre Falzon concerning four

contracts of sales in garages.” u kienet hawnhekk l-ewwel darba illi l-Ispettur Cordina semma l-possibilita’ illi setgha kien hemm xi appropriazzjoni indebita da parti tan-Nutar. Kienu fil-fatt tlett kuntratti partikolari kienu saru fis-16 ta’ Frar 1999, 30 ta’ Marzu 2000 u 20 ta’ Novembru 2003. L-ahhar partita fis-“summary history” iggib id-data 22 ta’ Ottubru 2007 “liability ammounting to LM 7263 settled in full. Cancellation letter issued. Relationship closed.”

Fil-mori tal-accertamenti li kienu qeghdin isiru bejn in-Nutar u l-bank u cioe’ fis-7 ta’ Mejju 2007 l-appellant gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ta’ appropriazzjoni indebita ta’ fondi lilu fdati w fl-14 ta’ Mejju 2009 il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha illi minnha qed isir dan l-appell wara sejba ta’ htija tal-appellant.

Ikkunsidrat :

L-ewwel aggravju tal-appellant jikkoncerna n-nullita’ tas-sentenza appellata minhabba nuqqas ta’ osservanza ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali w cioe’ s-semmija tal-artikolu tal-ligi illi jkun ikkontempla r-reat.

L-appellant irrifera ghall-ahhar paragrafu tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn hemm il-kundanna tal-appellant u jghid “ ma jirrizultax b’mod inekwivoku minn dan l-ahhar paragrafu taht liema artikolu tal-ligi (li jikkontempla r-reat) qed tinstab il-htija.”

Din il-Qorti mhijiex sejra tahli zmien fuq dan l-aggravju u tirreferi biss lill-appellant ghall-paragrafu ta’ qabel fejn il-Magistrat jelenka l-artikoli tal-ligi illi taghhom l-appellant kien instab hati.

Billi dawn l-artikoli ma ssemmewx fl-ahhar paragrafu ma jfissirx illi l-vot tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma gietx sodisfatt.

Din il-Qorti tiddikjara illi ma hemm xejn censurabbli fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu hemm hafna x'jinghad.

Ikkunsidrat :

Il-fatti mhumiex in kontestazzjoni. In-Nutar inghata ammonti ta' flus sabiex jiddepozita fil-bank bl-iskop illi jinqata' s-self illi l-klijent Emanuel Mamo kelu mall-istess bank. Irrizulta illi n-Nutar f'xi zmien jew iehor zamm dawn il-flus fil-"client's account" tieghu u wara li saret domanda mill-bank, saru l-accertamenti u n-Nutar salda l-kontijiet pendenti li kellu l-klijent tieghu.

Kwindi jekk kien hemm xi censura f'dan l-operat, huwa biss illi n-Nutar zamm ghandu ghal zmien iktar milli suppost xi flejjes illi kienu fdati ghandu ghal skop partikolari.

Il-flejjes qatt ma daru "bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra ......." kif jitlob id-dizpost tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para. 1951 page 103) fejn l-awtur jikkumenta dwar artikolu 417 tal-Kodici penali Taljan illi huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Il-Maino jghid *"l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo."* Ikompli jghid *"la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo."* Maino jirriferi ghall-awtur Carrara *"la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del*

*possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita".*

Il-gurista Maino jkompli jghid *"al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

Fl-ghar ipotesi dana huwa proprju dak li ghamel l-appellant meta rrcieva l-flus u ecceda *"nel modo o nel tempo lo stesso uso per quale era la cosa era stata consegnata."* Igifieri l-agir tal-appellant setgha wassal biss ghal kwistjoni civili bejnu u bejn Mamo izda qatt ghal reat kriminali.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole" li kienet tittratta kwistjoni identika ma' dan in ezami w din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li "anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn .........kienet wahda ta' natura purament civili."

Din il-Qorti kellha kliem iebes fil-konfront tal-Pulizija talli resqet lill-akkuzat minghajr ma ghamlet accertamenti almenu "prima facie".

Il-Qorti kompliet tghid "din mhijiex l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ticcensura lill-Pulizija meta din, flok ma tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-inqas prima facie – biex tipprocedi kriminalment taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem din il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija w l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni fuq dak li jkun biex jesegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux verament juru li verament kien hemm kaz ta' reat."

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-element materjali tar-reat ma jissustix bhal ma lanqas jissustissi l-element intenzjonali w cioe' id-dolo.

F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid *"il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall' inadempiento della obbligazione."*

Dan (*l'animo di lucro*) imkien ma rrizulta fl-operat tal-appellant.

Fl-ghar ipotesi kull ma jista' jinghad fil-konfront tal-appellant huwa li ttraskura li jaghti l-attenzjoni dovuta ghat-trasferiment tal-fondi li kienu fdati f'idejh f'isem Emanuel Mamo.  B'dan in-nuqqas l-aktar li seta' kien passibbli l-appellant kien ghal proceduri civili izda certament mhux dawk penali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni akkuzi w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet akkuza w konsegwentement tiddikjara lill-appellant mhux hati tat-tielet akkuza w minnha wkoll tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------